# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Primarja

F'Novembru 2017 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2018-2019. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-Ewwel Sena Primarja.

**L-Ewwel Sena Primarja Subien**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja subien huwa ta' tliet mija u tmenin (380) post. Fost dawn il-postijiet l-iskejjel qed joffru 21 post għal tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' Learning Support Assistant (LSA).

Għall-ewwel sena primarja subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 23 |
| *1ċ Aħwa* | 107 |
| *1f Tfal minn skola bla kontinwità* | 54 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA* | 30 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 3 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **217** |

Għandna wkoll għaxar applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Meta jinħoloq post vakanti fl-iskola rilevanti dawn jinkitbu fiha.

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (380) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (217), dan iħalli total ta' mija, tlieta u sittin (163) post vakanti.

Mat-total ta' mija, tlieta u sittin post vakanti għad irid jiżdied in-numru ta' postijiet vakanti fl-iskejjel ta' St. Francis. L-eżerċizzju ta' transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis għadu mhux konkluż. Hekk kif jitlesta dan ix-xogħol inħabbru kemm huma l-postijiet vakanti fil-Primarji ta' St. Francis ta' Birkirkara, Bormla u Msida.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena, tewmin, jew għal snin tad-dħul differenti (Ara r-Regolamenti para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Każijiet Serji Subien**

In-numru tal-applikazzjonijiet tal-Ewwel Kriterju ta' subien li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA huwa ikbar minn numru ta' postijiet offruti mill-iskejjel għal dawn l-applikanti. L-iskejjel se jaċċettaw l-applikanti kollha tal-Ewwel Kriterju iżda b'dispjaċir ninfurmawkom li m'hemmx iżjed postijiet vakanti għal subien tat-Tielet Kriterju "Applikanti Oħra" li għandhom bżonn l-għajnuna ta' LSA.

Mill-banda l-oħra se jkunu qed jintlaqgħu applikazzjonijiet f'każ ta' Revision of Statement għal tneħħija ta' LSA (Ara r-Regolamenti para. 2.3) u Każijiet Soċjali.

**L-Ewwel Sena Primarja Bniet**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena primarja bniet huwa ta' mitejn sebgħa u tletin (237) post.

Għall-ewwel sena primarja bniet kellna dan it-total ta' applikanti tal-Ewwel Kriterju:

| *Kriterju* | Applikanti |
|---|---|
| *1b Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 14 |
| *1ċ Aħwa* | 46 |
| *1f Tfal minn skola bla kontinwità* | 67 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 6 |
| *Każijiet Serji Refuġjati* | 5 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **138** |

Sitt applikanti talbu trasferiment bejn skejjel tal-istess entità reliġjuża, Kriterju 1d. Dawn ma jitnaqqsux mit-total ta' postijiet vakanti għaliex filwaqt li se jokkupaw post fi skola se jħallu post vakanti fl-iskola fejn jattendu.

Għandna wkoll disgħa applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Meta jinħoloq post vakanti fl-iskola rilevanti dawn jinkitbu fiha.

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (237) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (138), dan iħalli total ta' disgħa u disgħin post vakanti (99). Se jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jonqos.

Mat-total ta' disgħa u disgħin post vakanti għad irid jiżdied in-numru ta' postijiet vakanti fl-iskejjel ta' St. Francis. L-eżerċizzju ta' transfer ta' tfal mill-Kindergartens ta' St. Francis għall-Primarji ta' St. Francis għadu mhux konkluż. Hekk kif jitlesta dan ix-xogħol inħabbru kemm huma l-postijiet vakanti fil-Primarji ta' St. Francis ta' Birkirkara, Bormla u Msida.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw għall-istess sena, tewmin, jew għal snin tad-dħul differenti (Ara r-Regolamenti para. 3.1). Meta waħda minn dawn l-aħwa tirreġistra fi skola, iż-żgħira tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Konklużjoni**

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja**
**2 ta' Frar 2018**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**